**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2002**

**Numru 13**

**Avviz numru 1565/01**

**Prickly Pear Communications Ltd**

**vs**

**Market-Link Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1126.08 (elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti xoghol u servizzi professjonali mahduma mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta u dana rizultanti minn tlett invoices datati 10 ta' Dicembru 2000, 15 ta' Gunju 2001 u tal-15 ta' Ottubru 2001.

Bl-imghaxijiet mill-15 ta' Ottubru 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Novembru 2001 u tal-mandat ta' sekwestru numru 3090/01 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Raphael Fenech Adami jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1126.08 (elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti xoghol u servizzi rezi. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**